MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru. 17/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**
**Vs**

**GEORGE VELLA ET**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **GEORGE VELLA** ta’ 52 sena, bin il-mejjet Karmenu u Lucy nee Schembri imwieled Paola, Malta nhar is-27 ta’ Frar, 1952 u residenti fil-fond numru 381, Triq Maggie Moran, Paola, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 231352M u **DOMENICA VELLA** ta’ 49 sena mart George, bint il-mejjet Nazzarenus Flores u Dolores nee Attard, imwielda Vittoriosa, Malta fit-3 ta’ Ottubru, 1953 u residenti gewwa l-fond numru 381, Triq Maggie Moran, Paola, Malta, gew imressqa quddiemha akkuzati talli;

1. Fil-21 ta' Awissu, 2002 u fil-granet ta' qabel, fir-Rabat, Ghawdex, bil-hsieb li jqarrqu, ghamlu uzu minn karta tal-identita` mahsuba ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita`, iffalsifikata;
2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, ghamlu dikjarazzjoni falza, jew taw taghrif falz, jew ipproducew dokumenti foloz;
3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, iffalsifikaw karta tal-identita` jew xi dokument iehor ikun li jkun mehtieg minn, jew mahsub ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar il-Karta ta' l-identita`.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tornda lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-3 ta' Jannar, 2005 sabiex din il-kawza tigi deciza bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami tal-verbal tal-atti datat 24 ta' Frar, 2005.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar is-27 ta' Mejju **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** u spjega kif fil-21 ta' Awissu, 2002 il-Pulizija kienu gew infurmati minn Joseph Bajada impjegat mal-Gozo Channel, illi l-imputati marru jippruvaw jixtru biljetti ghall-vjagg bejn Ghawdex u Malta, bl-uzu ta' ID cards li fil-fehema tieghu kienu foloz. Huwa kien tal-opinjoni li l-imputati kienu Maltin u ittantaw jaghmlu hekk biex jiehdu skont fuq il-prezz tal-biljetti peress li effettivament ma kienux jghixu Ghawdex. Huwa kien bghat ghall-imputati u wara li rrilaxxa stqarrija, ammettew mieghu illi kienu ghamlu fotokopji tal-karta tal-identita` taghhom li kienet

mahruga meta huma effettivament kienu verament jghixu Ghawdex, liema karti tal-identita` pero' kienu gew ritronati lill-Ufficcju Elettorali peress li kienu biddlu l-indirizz taghhom ghall-Malta.

Illi **PS 1377 Emanuel Cilia xehed** fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2004 u ikkonferma dak li kien qal l-Ispettur Curmi, ikkonferma pero' li kien hu li talab lill-imputati sabiex jghaddulu l-karti tal-identita` li huma kienu ippresentaw lil dan Joseph Bajada meta marru biex jixtru biljetti. Dan l-Ufficjal ukoll spjega illi l-imputat George Vella ikkonferma mieghu li huwa kien ghamel fotokopja tal-karta tal-identita` li kellu mahruga fuq Ghawdex u li tali karta tal-identita` ma kienetx ghadha ghandu peress li kien biddel l-indirizz tieghu fuq post li kellu r-Rahal il-Gdid, Malta. Huwa esebixxa l-okkorrenza mehdua minnu dakinhar li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PS.

**Joseph Bajada xeh**ed u spjega li fil-21 ta' Awissu, 2002, huwa kien qed ibiegh biljetti ghall-vapur ta' Ghawdex, meta marru fuqu koppja u talbuh xi biljetti filwaqt li urewh karta tal-identita` taghhom. Minnufih induna illi r-ritratt ma kienx imwahhal fuq il-karta tal-identita` izda kien stampat u ghalhekk irrifjuta li jaghtihom biljetti daqs li kieku kienu residenti Ghawdex.

**Mario Tabone**, ufficjal impjegat fl-ufficju tal-karta tal-identita`, xehed u ta' l-indirizz ta' George Vella skond ma kien registrat fir-Registru taghhom f'Awissu, 2002 u rrizultalu li George Vella detentur tal-karta tal-identita` numru 231352M, kien jghix fil-fond 381, Triq Maggie Moran, Paola. Huwa ikkonferma ukoll li Domenica Vella, detentrici tal-karta tal-identita` numru 698353M kienet tghix fl-istess indirizz ma George Vella. Ikkonferma illi kemm Domenica Vella u George Vella, pero', kienu registrati li kienu jghixu f'Marsalforn qabel ma gew registrati fl-indirizz fuq imsemmi ta' Paola.

Emanuel Zerafa, rappresentant tas-Socjeta` Gozo Channel, ikkonferma li hemm differenza bejn in-nollijiet tal-Gozo Channel ghal nies residenti Malta u dawk

residenti Ghawdex, ghaliex waqt li l-Ghawdxin, fil-21 ta' Awissu, 2002 kienu jhallsu 30 centezmu ghall-biljett standard, in-nies registrati li jghixu Malta kienu jhallsu lira u hamsa u sebghin centenzmu ghall-istess biljett. Stqarr ukoll illi biex tottjeni biljett ta' tletin centezmu, dak li jkun ghandu juri l-karta tal-identita` tieghu.

L-imputati ma xehdux f'dawn il-proceduri kif kellhom kull dritt jaghmlu, ghalkemm dakinhar tal-investigazzjoni, maghmula fil-21 ta' Awissu, 2002, huma irrilaxxjaw zewg stqarrijiet li jinsabu esebiti fl-atti a fol 14 et seq.  Minn esami ta' dawn l-istqarrijiet, jirrizulta li l-imputati verament ghamlu fotokopja tal-karta tal-identita` li huma kellhom meta kienu jghixu Ghawdex u ippresentawha lejn l-ufficjal tal-Gozo Channel, bl-intendiment li jakkwistaw biljetti tal-vapur bi prezz baxx jew ahjar prezz li kien mghoti lin-nies residenti Ghawdex.  Jirrizulta ukoll li dan ghamluh bl-intendiment li jiffrankaw xi flus.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-esami tal-fatti kif fuq spjegati li ma hemmx kontestazzjoni dwar dak li gara.  L-avukat difensur isostni illi l-agir tal-imputati ma jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-akkuzi mghotija mill-Avukat Generali fil-konfront taghhom.  Illi ghalhekk din il-Qorti trid tesamina l-fatti fuq spjegati fid-dawl tal-akkuzi kif dedotti.  Illi l-imputati gew akkuzati biss bi ksur tal-artikolu 14 tal-Kap 258 imsejjah karti tal-identita`.  Issa dan l-artikolu jipprovdi c-cirkostanzi ta' liema agir ghandu jigi konsidrat bhala reat.

Bl-artikolu 14 (2) (a), il-legislatur ried illi bniedem jigi ikkonsidrat li jekk jikser id-disposizzjoni tal-ligi bil-hsieb li jqarraq huwa jikser xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 11 jew tas-sub artikolu 1 tal-artikolu 12 ta' dan il-att.  L-artikolu 11 jipprovdi illi huwa reat jekk persuna barra ufficjal awtorizzat jaghmel xi marka jew dhul fuq, jew thassar, tikkancella, tibdel jew tissostitwixxi xi marka jew dhul maghmul, jew b'xorta ohra ihassar jew jiddistruggi karta tal-identita`.  L-artikolu 12 jipprovdi illi ebda persuna barra mid-detentur taghha jew l-agent ta' detentur fil-qadi ta' xi htiega ta' dan l-att jew ta' xi ligi ohra, f'isem id-detentur ma ghandu jkollha fil-pussess taghha jew

taghmel xi uzu jkun li jkun minn xi karta tal-identita` u noltre ghandha tikkonsenja jew tibghat lid-detentur karta tal-identita` li tinsab fil-pussess taghha u mhux taghha u noltre li ma jistax jkollha aktar minn karta tal-identita` wahda mahruga dwarha fl-istess hin.

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u minn dak li qalu l-imputati stess fl-istqarrija taghhom, ma jirrizultax illi l-imputat ghamlu xi haga li tmur kontra dak hawn fuq imsemmi.

L-artikolu 14 (2) (b) jqis bhala reat kull min jaghmel xi dikjarazzjoni falza jew jaghti xi taghrif falz, jew jipproduci xi dokument falz ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta’ dan l-att meta jkun jaf li dan huwa falz. Dan l-artikolu ghalhekk jipprovdi illi d-dikjarazzjoni falza jew taghrif falz ghandu jinghata b’mod partikolari ghal xi wiehed mill-ghanjiet ta’ dak l-att u mhux ghal xi raguni ohra. Ghalhekk skond dan l-artikolu jkun hati ta’ reat kull min jaghti informazzjoni skorretta, flaza jew inesatta fil-mili tal-formuli rikjesti ghall-hrug tal-karta tal-identita` li zgur mhux fil-kaz odjern.

L-artikolu 14 (2), (c) jipprovid li huwa reat ghal kull min jiffalsifika kart tal-identita` jew xi dokument iehor, jkun li jkun mehtieg minn, jew mahtur bhal, xi wiehed mill-ghanjiet ta’ dan l-att. Illi ghalhekk huwa importanti li l-Prosekuzzjoni tipprova fl-ewwel lok li saret xi falsifikazzjoni fil-karta tal-identita`, u fit-tieni lok li din saret ghal xi wiehed mill-ghanjiet ta’ dan l-att. Hawnhekk ukoll bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li sar hekk.

Illi l-Qorti ghalkemm thoss illi l-imputati ghamlu hazin f’dak li ghamlu, dawn misshom gew akkuzati b’reati ohra naxxenti mill-Kodici Kriminali bhal per ezempju dak dispost mill-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe` uzu minn dokument falz, jew l-artikolu 308 u 309 tal-istess Kap, cioe` frodi b’ghemil qarrieqi ghad-detriment tal-Gozo Channel izda mhux b’dawk l-akkuzi mghotija lilhom mill-Avukat Generali.

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 14 (2) (a) (b) (c) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati GEORGE VELLA u DOMENICA VELLA hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberhom minn kull akkuza.**

**Peress illi l-Qorti ma sabitx lill-imputati hatja, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------